# San Bartilmew Noti Veri u leġġendarji dwar dan l-Appostlu



**Is-Sur Joe Chetcuti**
**Preżentatur tal-programm marċi u bandlori fuq Radju 101**

Skond bosta tradizzjonijiet ġejjin mill-ewwel seklu tal-era kristjana, l-appostlu Bartilmew ippriedka l-Vanġelu ta' Kristu f'erba' pajjiżi: fl-Etjopja, fl-Indja, fil-Persja u fl-Armenja. F'dan l-aħħar pajjiż, hu sofra l-martirju billi ġie mqaxxar minn bċejjeċ tal-ġilda ta' ġismu u wara qatgħulu rasu. Fl-arti, kemm fil-pittura, kif ukoll fl-iskultura, ġeneralment lil dan il-qaddis jiffigurawh qed iżomm sikkina f'idu waħda u bidu l-oħra jżomm il-ġilda mqaxxra ta' ġismu.

Kien Ġesù stess li għamel l-ewwel paniġierku ta' tifħir lill-appostlu Bartilmew. Ġesù qal lil ta' madwaru: 'Ara dan tassew wieħed minn Iżrael li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerqfih.' (GW 1:49)

Meta Bartilmew saqsa lil Ġesù kif kien jafu' Ġesù wieġbu. Qallu: 'Rajtek taħt is-siġra tat-tin qabel ma sejjaħlek Filippu.' Din l-istqarrija ta' Ġesù tant ħasdet lil Bartilmew li kollu mistagħġeb, imma mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, esklama u qal lil Ġesù: 'Int l-Iben t'Alla, is-Sultant ta' Iżrael.' (GW1:49) Ġesù ta kas ħafna ta' din l-isrqarrija ta' Bartilmew u qallu: 'Qiegħed temmengħax għidtlek li rajtek taħt siġra tat-tin? Għad tara s-sema miftuħ u l-anġli t'Alla telgħin u neżlin fuq Bin il-bniedem.' (GW1:50)

Tabilħaqq li Bartilmew ra ħwejjeġ akbar. Hu kien wieħed minn dawk li Ġesù dehrilhom meta rxoxta mill-mewt.

Forsi xi ħadd isaqsi 'Għaliex fil-vanġeli sinottiċi dan l-appostlu jissejjaħ Bartilmew u fir-raba' vanġelu (ta' San Ġwann) jisemma bħala Nataniel?' Xi esperti tal-iskrittura jgħidu li l-isem sħiħ tiegħu kien propju 'Nataniel Bar-Tolmay' (li tfisser 'bin Tolmew') filfatt, imma missier Bartilmew ma kienx jismu Tolmew imma Sasteru. Bar Tolmay kien l-isem tal-familja (bħala kunjom).

X'karattru kellu Bartilmew? Bartilmew kellu karattru ta' bniedem kalm, seren, dejjem ferħan u jferraħ lil ta' madwaru. Dan il-karattru ta' ferħ tant inxtered li f'bosta lingwi, meta jkunu jridu jindikaw lil xi raġel li hu dejjem ferrieħi, li ma jmerix u ma joġġezzjonax, igħidulu Nataniel, l-isem l-ieħor ta' Bartilmew.

Fl-evanġelji sinottiċi li jġibu l-lista tal-appostli dejjem insibu l-isem ta' Bartilmew fis-sitt post wara dak tal-ħabib tiegħu Filippu. Fl-atti tal-Appostli, Bartilmew jissemma fis-seba' post (ara Atti 1:13). Interessanti nkunu nafu li San Luqa, fl-Atti tal-Appostli poġġa l-ismijiet tal-Appostli tnejn tnejn. Donnu b'xi ħsieb, li Bartilmew poġġiħ ma' San Tumas. X'differenza bejn il-karattru ta' San Tumas u San Bartilmew! Bartilmew dejjem ferrieħi, ottomist u Tumas dejjem dubjuż, pessimist u qisu jgħix fi sħaba sewda! Donnu San Luqa ried jgħidilna li l-fervur ta' wieħed u n-nuqqas ta' ħeġġa tal-ieħor, meta jitħalltu flimkien isiru t-triq tan-nofs. (Virtus in medio).

Skond kittieba antiki, Bartilmew kien ġej minn familja sinjura u nobbli ta' nisel Sirjan. Anzi skond wieħed kittieb - Petrus de Natalibus - Bartilmew kien ġej minn familja rjali. F'kitba oħra tal-ħames seklu, li ġġib l-isem ta' 'L-Istorja tad-Duluri ta' San Bartilmew' insibu deskrizzjoni tal-fatizzi esterni tal-Appostlu Bartilmew. Insibu miktub hekk: *'Bartilmew kellu xgħar iswed, folt u nnukklat saħansitra jgħattilu l-widnejh. Il-kulur tal-ġilda ma kienx ismar bħall-biċċa l-kbira tal-Lhud, kien pjuttost bjond. Għajnejh kienu kbar u anke l-imnieħer kien kemmxejn ikbar min-normal. La kien qasir u lanqas twil - statura media. Kien jilbes libsa bajda b'xi faxxi ħomor. Peress li kien ġej minn familja sinjura, mal-ilbies tiegħu kien iwaħħal ir-rubini.'* Naturalment, din d-deskrizzjoni ta' San Bartilmew hija leġġendarja.

Leġġenda oħra tgħidilna li l-appostli kollha li kristu ġabar miegħu kienu kollha miżżewġin, barra San Ġwann. Xi kittieba oħra jgħidu li Bartilmew kien l-għarus li jissemma fit-Tieġ ta' Kana tal-Galilija! Imma kif għidna dawn l-ispekulazzjonijiet huma kollha leġġendarji.

Jekk Bartilmew ma kienx sajjied, kien għall-inqas, midħla tas-sajjieda. Dan nafuħ mill-passaġġ evanġeliku li jgħid li wara li Ġesù rxoxta u San Pietru mar jistgħad, Bartilmew ried imur miegħu. Qal jien ukoll irrid niġi miegħek.

Santu Wistin isemmi li Bartilmew seta kien mgħallem tal-Liġi. Santu Wistin ibbaża l-ġudizzju tiegħu mill-kliem ta' San Filippu li qal: 'Sibna lil dak li fuqu tkellmu Mose' u l-Profeti, Ġesù l-iben ta' Ġeżeppi ta' Nażżaret.'

L-aktar tagħrif interessanti dwar San Bartilmew insibuħ fl-evanġelju ta' San Ġwann. San Ġwann iddeskriva tajjeb in-natural u l-ispirtu ta' Bartilmew.

Il-famuż pittur Michelanglo pinġa lil San Bartilmew fil-pittura xejn inqas famuża tal- 'Ġudizzju Universali' fil-kappella Sistina ġewwa l-Vatikan.

